MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 86/2008

Kawza fil-lista: 14

**A B u martu C B sija**
**għan-nom tagħhom kif ukoll għan-nom ta' binhom minuri D,**
**u E B, oħt id-decujus fil-kwalita` tagħhom**
**bħala eredi leġittimi tal-mejjet FB**

**vs**

**G H I, xebba; id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet ta' l-1 ta'April 2008 gew appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-minuri "J" li ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv 2233/07, u b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2008 il-kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawża u ġiet nominata l-istess G K bħala kuratriċi *ad litem* sabiex tirrapreżenta lill-minuri "J" u b'digriet tat-3 ta' April 2013 gie kjamat in kawza L H**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat li permezz tal-kawza odjerna, l-atturi, genituri u ahwa rispettivi tal-mejjet FB, li tieghu huma eredi, qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri J, iben il-konvenuta G H I, huwa l-wild naturali tad-decujus li kien miet tragikament qabel it-twelid tal-minuri.

L-atturi fissru illi huma l-ġenituri u l-aħwa ta' FB, li kien miet fl-24 ta' Ġunju 2007. Igħidu wkoll illi FB huwa l-missier tal-minuri J minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta G K. FB miet qabel ma twieled J u għalhekk ma setax għarfu bħala ibnu. Għalhekk, fuq l-att tat-twelid ta' J dan huwa muri bħala iben missier mhux magħruf.

Billi jgħidu illi għandhom interess illi J jiġi dikjarat illi huwa iben FB, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

i. tgħid illi J, li issa huwa magħruf bil-kunjom K (ta' ommu), huwa l-wild naturali ta' FB; u

ii. ii. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att ta' twelid ta' J, li għandu n-numru 2233/2007, billi, fejn hemm miktub illi l-missier ma huwiex magħruf, jitniżżlu, fil-kolonni rispettivi, id-dettalji relativi għal FB, bil-karta ta' identita numru 236081M, imwieled il-Pieta joqgħod Marsascala, iben A B li għadu ħaj.

Talbu wkoll l-ispejjeż kontra l-konvenuta G K.

Il-konvenuta G K ("il-konvenuta K") wieġbet fid-29 ta' Lulju 2008 u ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-atturi li jmexxu b'din l-azzjoni bħala werrieta billi kawża għall-filjazzjoni hija dritt personali tal-missier jew tal-omm naturali li ma jgħaddix għand l-eredi. Ressqet ukoll l-eċċezzjoni illi ma huwiex fl-interess tal-minuri li jintlaqgħu t-talbiet.

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ("id-Direttur") wieġeb fl-4 ta' Awissu 2008 u l-kuraturi maħtura biex jidhru għall-minuri wieġbu fil-15 ta' Settembru 2008.

Dawn tal-aħħar ressqu l-eċċezzjoni (i) illi l-atturi ma mxewx kif irid l-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili u (ii) illi azzjoni bħal din tallum tmiss biss lill-wild innifsu.

B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuta K (dwar nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva) u ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-kuraturi u ordnat illi jitkompla s-smigħ. Il-qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha hekk:

"….. fil-liġi nostrana ma hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi li jistipulaw min jista' jisperixxi azzjoni għar-ricerka ta' paternita jew maternita ta' tifel imwieled barra ż-żwieġ, iżda tirregola l-pożizzjoni fil-każ ta' rikonoxximent tat-tifel, u tgħid li r-rikonoxximent jista' jsir jew mill-missier u mill-omm, jew separatament jew konġuntivament; iżda fit-tieni *proviso* tagħti d-dritt lil kull persuna interessata sabiex tipproċedi ġudizzjarjament biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li jkun għaraf it-tifel huwa missier it-tifel.

Fi kliem ieħor, għalkemm ir-rikonoxximent jista' jsir biss mill-ġenitur jew ġenituri tat-tifel, iżda mill-banda l-oħra kull persuna interessata tista' tipproċedi biex tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjali fis-sens li l-persuna li għamlet irrikonoxximent, hija l-missier.

Fil-fehma ta' din il-qorti, minn dan joħroġ ċar li fil-każ ta' wild barra ż-żwieġ il-leġislatur ma jidhirx li ried li jillimita l-azzjoni ta' riċerka ta' paternita jew maternita għat-tifel jew għad-

dixxendenti tiegħu, għax *ubi lex voluit lex dixit*, u għalhekk, fin-nuqqas ta’ dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprojbixxi lil terzi li jagħmlu din l-azzjoni, għandha tipprevali t-teżi tal-atturi u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li l-azzjoni tista’ tiġi esperita minn kull min juri li għandu interess ġuridiku.

Fil-każ in diżamina l-atturi, bħala eredi tal-mejjet F[liema fatt ma ġiex kontestat], għandhom interess ġuridiku, kif fuq indikat, biex jagħmlu din l-azzjoni li wara kollox jekk tirnexxi tkun fl-interess tal-minuri li minn bin missier mhux magħruf, tiġi stabbilita l-paternita tiegħu.

Wara li kisbet permess għal dak li jgħid u jrid l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenuta K f’isimha u f’isem il-minuri b’rikors tad-9 ta’ Diċembru 2009 appellat minn din is-sentenza.

B’sentenza mogħtija fil-25 ta’ Ġunju 2010 din il-qorti laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza appellata, laqgħet l-eċċezzjonijiet u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din “tastjeni mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża”.

B’rikors tas-27 ta’ Settembru 2010 l-atturi talbu illi din il-qorti tħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Ġunju 2010 u tisma’ l-appell mill-ġdid.

B’sentenza tal-24 ta’ Ġunju 2011 is-sentenza attakkata tħassret minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi, u l-appell instema’ mill-ġdid.”

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Frar 2012 gie dikjarat illi “l-interess tal-atturi li juru r-rabta tad-demm bejnhom u bejn J huwa interess li jixraqlu harsien, u l-eccezzjoni li ma ghandhomx legittimazzjoni attiva biex imexxu b’din il-kawza giet michuda.

Fl-24 ta’ Awissu 2012 il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja tat digriet ta’ adozzjoni fuq talba tal-konvenuta Anne-Marie H I u zewgha l-kjamat in kawza L H li permezz tieghu il-konjugi H adottaw lill-minuri J.

Fl-1 ta’ Frar 2013 il-konvenuta G K, illum H I, ipprezentat Risposta Guramentata Ulterjuri li taqra hekk:-

1. “Illi hija taghmel referenza pjena ghad-dikjarazzjoni tal-fatti kif imfissra minnha fir-risposta guramentata originali taghha;

2. Illi ma' dan tixtieq izzid illi l-minuri 'J' gie ricentement adottat permezz ta' digriet tal-24 ta' Awissu 2012 biex b'hekk ilium il-minuri huwa legalment iben l-esponenti u zewgha L H I, u l-isem u kunjom tal-minuri llum huwa 'J H I';

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti ghandha s-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri xi tressaq kontra t-talbiet attrici, u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha migjuba sa issa fir-risposta guramentata originali taghha:

1. Illi l-esponenti teccepixxi illi jirrizulta illi giet awtorizzata l-adozzjoni tal-minuri 'J' minn L H I, ir-ragel tal-esponenti, biex hekk il-genituri tal-istess minuri huma l-esponenti u zewgha, u din l-adozzjoni giet awtorizzata permezz ta' digriet tal-Qorti kompetenti tal-24 ta' Awissu 2012, liema fatt gie ukoll debitement registrat fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk il-

mertu tal-kawza odjerna huwa llum ezawrit u konsegwentement din I-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici;

2. Illi, in partikolari, qieghed jigi eccepit li l-mertu tal-kawza odjerna - u cioe', l-bdil ta' kunjom il-minuri 'J', id-dikjarazzjoni ta' paternita' u tibdil tad-dettalji fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu - illum jinsab ezawrit billi l-minuri diga' ghandu zewg genituri, u cioe' l-omm naturali tieghu u l-missier adottiv, u dan kollu jinsab rifless fid-dokumenti ufficjali tar-Registru Pubbliku, u l-minuri llum igib il-kunjom tal-missier adottiv tieghu, u inoltre l-imsemmi FB llum huwa mejjet u kwindi anke jekk biss ghall-grazzja tal-argument dan kellu jkun il-missier naturali xorta wahda galadarba llum il-wild gie adottat skont il-ligi u ghandu kemm missier kif ukoll omm ikun inutili u superfluwu u minghajr ebda utilita' li jitkomplew il-proceduri odjerni;

3. Illi minhabba l-istess adozzjoni, it-talbiet tal-atturi ma jistghux jintlaqghu ghaliex legalment insostenibbli;

4. Illi inoltre l-missier adottiv huwa l-missier tal-minuri ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u kwindi jkun kontrosens legali li jsiru dikjarazzjonijiet ta' paternita' u dikjarazzjonijiet u ordnijiet ancillari dwar wild li diga' ghandu missier f'ghajnejn il-ligi, bil-konsegwenzi u effetti legali kollha li l-adozzjoni ggib maghha, primarjament id-disassocjazzjoni totali tal-wild mill-genitur naturali (kien min kien) u l-familja tieghu;

5. Illi galadarba l-minuri gie legalment adottat, id-drittijiet u obligazzjonijiet tal-paternita' jispettaw biss lill-missier adottiv L H I u lil hadd aktar u ghaldaqstant ma jibqa' l-ebda kwistjoni dwar il-paternita' tal-istess minuri jew kwistjonijiet ancillari;

6. Illi minhabba l-istess adozzjoni ma ghad hemm ebda lok li jigi sindakat min seta' kien il-missier naturali tal-istess minuri u kwindi l-atturi ma ghad fadlilhom ebda interess guridiku fil-prosegwiment tal-kawza odjerna;

7. Illi b'mod iktar generali minhabba l-istess adozzjoni jiddifetta l-interess guridiku tal-atturi ghall-fini tat-talbiet kollha taghhom;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, inkluz in vista tal-verbal tat-22 ta' Jannar 2013.

B’digriet ta’ din il-Qorti tat-3 ta ‘April 2013 (fol 296) gie kjamat in kawza ir-ragel tal-konvenuta Anne-Marie H I, cioe’ zewgha L H.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Anne-Marie H I u l-kjamat in kawza L H tat-23 ta’ Dicembru 2013[1] dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri imressqa.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tad-19 ta’ Frar 2014.[2]

Semghat it-trattazzjoni finali dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri imsemmija fl-udjenza tal-20 ta’ Frar 2014.

---

[1] Fol. 339

[2] Fol. 349

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim' Awla fl-4 ta' Frar 2014 fl-ismijiet "A B et vs Ann Marie H I et." li permezz taghha giet michuda t-talba attrici sabiex id-digriet ta' Adozzjoni tal-24 ta' Awissu 2012 jigi mhassar u revokat. Minn tali sentenza ma giex intavolat appell.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri imressqa mill-konvenuta H I u l-kjamat in kawza H.

Ikkonsidrat.

**Konsiderazzjonijiet**.
Permezz tal-eccezzjonijiet ulterjuri mertu ta' din is-sentenza il-konvenuta H I qed issostni illi ghalkemm bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Frar 2012 gie deciz illi l-atturi ghandhom interess guridiku li jippromwovu l-kawza odjerna sabiex jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li d-decujus huwa missier il-minuri J, il-fatt illi sussegwentement il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat digriet ta' adozzjoni fejn il-kjamat in kawza L H gie dikjarat il-missier adottiv tal-minuri, il-mertu tal-kawza odjerna jinsab ezawrit peress li quddiem il-ligi l-minuri issa ghandu missier ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-figura tal-missier adottiv.

L-atturi qed jikkontestaw l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta inkwantu jsostnu illi l-atturi xorta ghad ghandhom l-interess guridiku konfermat mill-Qorti tal-Appell li jigi stabbilit li binhom illum mejjet huwa l-missier bijologiku tal-minuri, nonostante li llum il-minuri gie adottat mill-kjamat in kawza L H. Isostnu inoltre illi l-kwistjoni tal-interess guridiku tal-atturi li jipproponu t-talbiet attrici llum tinsab deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawza odjerna l-atturi qed iressqu zewg talbiet. Permezz tal-ewwel talba qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-minuri J "huwa l-wild naturali tad-decujus FBordier" filwaqt li bit-tieni talba qed jitolbu li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jemendat l-att tat-twelid tal-minuri fis-sens li fejn hemm imnizzel "missier mhux maghruf" jitnizzel isem u kunjom id-decujus u l-konnotati tieghu.

Ghalkemm huwa minnu li meta l-Qorti ta-Appell ippronunzjat id-decizzjoni taghha tat-3 ta' Frar 2012 il-minuri ma kienx ghadu gie adottat, fid-decizzjoni taghha l-Qorti tal-Appell ghamlitha cara illi kienet qed tiddikjara li l-atturi kellhom interess guridiku li juru r-rabta tad-demm bejnhom u bejn J u ddikjarat li dan "huwa interess legittimu li jixraqlu harsien". Tali pronunzjament illum huwa *res judicata* u jorbot lill-partijiet kollha f'din il-kawza.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ghalkemm fil-mori tal-kawza u wara d-decizzjoni imemmija tal-Qorti tal-Appell interveniet l-adozzjoni tal-minuri, l-interess guridiku rikonoxxut u konfermat mill-Qorti tal-Appell kien u ghadu jissussisti u ma jiddependiex jekk il-minuri jigiex adottat jew le. Sabiex waslet ghal din il-konkluzzjoni il-Qorti hadet in konsiderazzjoni x'kienet tkun il-posizzjoni legali f'xenarju fejn it-talba ghall-adozzjoni tresqet wara li tkun inghatat dikjarazzjoni gudizzjarja li d-decujus hu l-missier bijologiku tal-minuri. F'dak ix-xenarju l-att tat-twelid tal-minuri kien l-ewwel juri li l-minuri kellu missier bijologiku u allura mhux imwieled minn missier mhux maghruf. Sussegwentement jinghata digriet ta' adozzjoni favur ir-ragel attwali tal-konvenuta H I.

Ghalhekk huwa evidenti ghall-Qorti illi l-interess guridiku fl-atturi riskontrat u dikjarat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq citata ma giex fix-xejn bid-digriet ta' adozzjoni de quo.
Ghall-istess ragunijiet il-mertu tat-talbiet attrici ma jinsabx ezawrit u dan peress illi d-dikjarazzjoni gudizzjarja li qed tintalab minn din il-Qorti tirreferi ghall-perijodu antecedenti ghall-adozzjoni u li bl-ebda mod ma ser tinfluwixxi jew jipregudika jew tnaqqas mill-forza legali tad-digriet ta' adozzjoni imsemmi.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-eccezzjonijiet ultejuri imressqa mill-konvenuta H I permezz tar-risposta guramentata ulterjuri taghha u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------